TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 63/13 (JE).

Denise Gauċi

vs.

Joe Azzopardi eżerċenti l-kummerċ bħala "Bottega del Marmista".

Illum, 30. ta' Mejju 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Denise Gauċi tat-12 ta' Marzu 2013 illi permezz tiegħu talbet lura d-depożitu ta' tlett mija u ħamsa u sittin euro (€ 365) illi kienet ħallset lill-konvenut sabiex jagħmlilha bank tal-kċina ta' l-irħam, liema bank ma sar qatt. Il-konvenut jidher illi m'għadux jopera. Minkejja l-isforzi kollha tal-attriċi sabiex issir rifużjoni ta' dan id-depożitu, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ra illi l-konvenut minkejja illi kien debitament notifikat, ma daħħalx risposta u għalhekk, waqa' kontumaċi.

Sema' l-provi tal-attriċi.

Ikkunsidra.

Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni u fid-dawl tal-provi prodotti, jidher illi t-talbiet tal-attriċi huma ġustifikati.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attriċi u jordna r-rifużjoni tas-somma ta' € 365 imħallsa mill-attriċi għall-bank tal-kċina ta' l-irħam li qatt ma ġie kkonsenjat mill-konvenut u dana bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888